



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 26 ta' Marzu 2012 (27.03)
(OR. en)**

8144/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0063 (NLE)**

**EEE 28
UD 90**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	22 Marzu 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 133 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Protokoll 4 (Regoli ta' oriġini) għall-Ftehim taż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 133 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 22.3.2012
COM(2012) 133 final

2012/0063 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
dwar l-emenda tal-Protokoll 4 (Regoli ta' oriġini) għall-Ftehim taż-ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (iż-ŻEE), b'mod partikolari biex (i) jestendi s-sistema ta' akkumulazzjoni għal kull pajjiż li jkun jipparteċipa fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, (ii) jinkludi t-"taħlit ta' zokkor u ma' kwalunkwe materjal ieħor" mal-lista ta' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Protokoll 4 li għandhom jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti biex jaġġtu l-istatus ta' prodotti li joriġinaw u (iii) biex jiġu kkoreġuti ċerti żbalji.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għal adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżenta l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' ikun malajr.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-
ŻEE
dwar l-emenda tal-Protokoll 4 (Regoli ta' oriġini) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 207(4) u 218(9) tiegħu;

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 4 mal-Ftehim jipprevedi li jkun hemm akkumulazzjoni tal-oriġini bejn l-Unjoni Ewropea u l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera (inkluża l-Liechtenstein), il-Gżejjer Faeroe, it-Turkija u kwalunkwe pajjiż li jkun jipparteċipa fis-Sħubija Ewro-Mediterranja², ibbażata fuq id-Dikjarazzjoni ta' Barcellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja li saret fis-27 u fit-28 ta' Novembru 1995.
- (2) Ikun tajjeb li s-sistema ta' akkumulazzjoni tiġi estiża lil kwalunkwe pajjiż li jipparteċipa fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea³ sabiex jiġi żviluppat il-kummerċ u tiġi promossa l-integrazzjoni reġjonali.
- (3) L-inklużjoni tat-"taħlit ta' zokkor u ma' kwalunkwe materjal ieħor" fil-lista ta' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Protokoll 4 li għandhom jitqiesu bħala xoġhol jew ipproċessar insuffiċjenti biex jagħtu l-istatus ta' prodotti li joriġinaw, tkun konvenjenti,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² L-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaza.

³ L-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja, kif ukoll il-Kosovo skont ir-Riżoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Protokoll 4 (Regoli ta' oriġini) għall-Ftehim taż-ŻEE hija ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-addozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-Protokoll 4 (Regoli ta' oriġini) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 4 għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru ... ta' ...⁴
- (2) Il-Protokoll 4 għall-Ftehim jipprevedi li jkun hemm akkumulazzjoni tal-oriġini bejn l-Unjoni Ewropewa u l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera (inkluża l-Liechtenstein), il-Gżejjer Faeroe, it-Turkija u kwalunkwe pajjiż li jkun jipparteċipa fis-Sħubija Ewro-Mediterranja⁵, ibbażata fuq id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja li saret fis-27 u fit-28 ta' Novembru 1995.
- (3) Ikun tajjeb li s-sistema ta' akkumulazzjoni tiġi estiża lil kwalunkwe pajjiż li jipparteċipa fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea⁶ sabiex jiġi żviluppat il-kummerċ u tiġi promossa l-integrazzjoni reġjonali.
- (4) Is-sistema ta' akkumulazzjoni tal-oriġini Pan-Ewro-Mediterranja hija bbażata fuq il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli Preferenzjali ta' Oriġini Pan-Ewro-Mediterranji, li magħhom huwa allinjat il-Protokoll 4 għall-Ftehim.
- (5) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli Preferenzjali ta' Oriġini Pan-Ewro-Mediterranji ma twassalx globalment għal sitwazzjoni anqas favorevoli minn dik li kien hemm fir-relazzjoni preċedenti bejn sħab fil-kummerċ ħieles li japplikaw l-akkumulazzjoni tal-Oriġini Pan-Ewropea jew Pan-Ewro-Mediterranja.
- (6) Huma meħtieġa xi emendi biex jiġu kkoreġuti żbalji fit-test eżistenti tal-Protokoll 4 għall-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁴ ĠU L ...

⁵ L-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaza.

⁶ L-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja, kif ukoll il-Kosovo skont ir-Risoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU.

Artikolu 1

Il-Protokoll 4 għall-Ftehim huwa emendat kif ġej:

1. Fir-riferiment għall-Artikolu 32 fil-Werrej, il-kelmiet “Assistenza Reċiproka” huma ssostitwiti bil-kelmiet “Koperazzjoni Amministrattiva”.
2. Taħt l-intestatura “Dikjarazzjonijiet Konġunti” fil-Werrej, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea”.
3. Fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea”.
4. It-test tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2, għandhom jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fiż-ŻEE dawk il-prodotti li jinkisbu hemmhekk u jinkorporaw materjali li jkunu joriġinaw fil-Gżejjer Faroe jew fi kwalunkwe pajjiż li jkun jipparteċipa fis-sħubija Ewro-Mediterranja, ibbażata fuq id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja li saret fis-27 u fit-28 ta' Novembru 1995, minbarra t-Turkija⁷, jew fi kwalunkwe pajjiż li jkun jipparteċipa fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni⁸, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fiż-ŻEE jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6. Mhux meħtieġ li dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti.”
5. Fis-subparagrafu 3 tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 3, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea” u l-kelmiet “Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej” huma ssostitwiti bil-kelmiet “Kummissjoni Ewropea”.
6. Fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 4, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea”.
7. fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 5, il-kelmiet “ma jistgħux jiġu użati” huma ssostitwiti bil-kelmiet “m'għandhomx jiġu użati”.
8. Fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 dan li ġej jiddaħħal wara l-ittra (m):

“(n) it-taħlit ta' zokkor ma' kwalunkwe materjal;”

L-ittri preżenti (n) sa (p) huma rrinumerati bħala l-ittri (o) sa (q).
9. Fit-paragrafu 1 tal-Artikolu 31, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea”.
10. Fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 31 il-kelmiet “Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej” huma ssostitwiti bil-kelmiet “Kummissjoni Ewropea”.

⁷ L-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaza.

⁸ L-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja, kif ukoll il-Kosovo skont ir-Riżoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU.

11. It-titolu tal-Artikolu 32 huwa ssostitwit bi:
“Koperazzjoni amministrattiva”
12. Fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 32 il-kelmiet “Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej” huma ssostitwiti bil-kelmiet “Kummissjoni Ewropea”;
13. Fin-Nota 1 mal-Anness I, il-kelmiet “Artikolu 6” huma ssostitwiti bil-kelmiet “Artikolu 5”.
14. Fin-Nota 3.1 mal-Anness I, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea”.
15. Fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 3 tal-Anness VI, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea”.
16. Fit-titolu u fl-ewwel subparagrafu tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-aċċettazzjoni ta' provi tal-oriġini maħruġa fil-qafas tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Protokoll 4 għal prodotti li joriġinaw fil-Komunità, l-Islanda jew in-Norveġja, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea”.
17. Fl-ewwel subparagrafu tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Prinċipat tal-Andorra, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea”.
18. Fl-ewwel subparagrafu tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino, il-kelma “Komunità” hija ssostitwita bil-kelmiet “Unjoni Ewropea”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil- , sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
[...]

Is-Segretarji
lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
[...]

* [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti konstituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti konstituzzjonali.]